MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1787/1997/1

**Patrick Scicluna**

**Vs**

1. **Josephine Scicluna**
2. **Avuk. Dr. Ludvic Caruana u l-PL Jean Pierre Busuttil nominati bhala kuraturi *ad litem* tat-tarbija bint l-imsemmija Josephine Scicluna b'digriet tat-2 ta' Gunju 1998**
3. **Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur ilu mifrud *de facto* mill-konvenuta sa mis-17 ta' April 1996 billi l-konvenuta telqet mid-dar konjugali u ma rritornat qatt f'dik id-dar;

Premess illi l-attur u l-konvenuta sseparaw permezz ta' separazzjoni konsenswali fit-22 ta' April 1997 b'kuntratt tan-nutar Nathalie Pace Axiaq (Dok. "A");

Premess illi mill-gurnata li l-konvenuta telqet mid-dar konjugali l-attur qatt ma kellu x'jaqsam sesswalment mal-konvenuta;

Premess illi l-attur sar jaf li l-konvenuta ghandha tarbija;

Premess illi l-attur ma jista' jkun qatt il-missier naturali ta' l-istess tarbija;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tarbija li welldet il-konvenuta mhix iben/bint l-attur;

2. Tordna li l-att tat-twelid li jirrigwardja t-tarbija wild l-konvenuta Nru. 1997/1997 jigikorrett fis-sens li jkun jidher li l-attur mhuwiex il-missier naturali tat-tarbija tal-konvenuta u kull fejn jidher ismu ghandu jitnehha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa ma kienx edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u soddisfacenti skond il-ligi;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur kellu jitlob li fil-kolonna li tirreferi ghall-isem u kunjom ta’ missier it-tarbija, l-isem u kunjom “Patrick Scicluna” kellhom jigu kancellati u sostitwiti bil-kliem “unknown father” u li d-dettalji l-ohrajn li jirrigwardaw lill-istess Patrick Scilcuna jigu kancellati;

3. Illi huwa ma kellux ibati spejjez;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati illi biha huma kienu qeghdin jirrespingu l-pretensjonijiet attrici f’dak l-istadju u rriservaw d-dritt li jaghmlu eccezzjonijiet ulterjuri peress li ma kienux edotti mill-fatti kollha;

Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-istess kuraturi deputati;

Rat illi l-konvenuta Josephine Scicluna ghalkemm debitament notifikata bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh, hija baqghet ma pprezentatx in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Settembru 1998 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Wiehed mill-presupposti specifici tal-legittimita` tal-persuna hi l-paternita`. Dan jistabbilih proprju l-artikolu introduttiv tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili li jittrattaw dwar il-filjazzjoni. Jigifieri, dak li jistabbilixxi li "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu" (Artikolu 67 tal-Kapitolu 16);

Wahda mill-azzjonijiet li biha din il-legittimita` tista' tigi kontestata hi dik maghrufa ahjar bhala azzjoni ta' denegata paternita`. Azzjoni rizervata lill-missier prezunt, kif dixxiplinata bl-Artikolu 70 tal-Kodici Civili. Hi din l-azzjoni li qed tigi esperita f'dan il-kaz;

Il-fatti huma pjuttost rudimentali u jikkonsistu fix-xiehda ta' l-attur (fol. 28) u dik tal-konvenuta martu (fol. 45);

Jirrizulta illi l-kopppja zzewget fis-17 ta' Gunju 1995 u ma' l-ewwel dizgwid serju f'April 1996 il-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u aktar tard bdiet tikkoabita ma' certu Marco Grech;

Din is-seperazzjoni *de facto* issoktat sakemm irceviet it-timbru legali permezz tal-kuntratt tat-22 ta' April 1997. It-tifel, li l-legittimazzjoni tieghu qed tigi oppugnata, twieled ftit granet wara, precizament fid-9 ta' Mejju 1997, kif evidenzjat mill-Att tat-Twelid tieghu esebit a fol. 8 tal-process;

Il-konvenuta tikkonferma din ir-relazzjoni taghha ma' l-imsemmi Marco Grech u l-fatt tal-koabitazzjoni abitwali ma' din il-persuna. Ziedet tistqarr ukoll li minnu ghandha tarbija ohra, izghar fl-eta` minn dik tat-tifel Jerome li dwaru l-attur inizja l-proceduri *de qua* ta' diskonoxximent;

Jirrizulta bhala stat ta' fatt inkontestat bejn il-partijiet ili minn meta telqet mid-dar konjugali l-konvenuta u l-attur qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi jew kuntatt bejniethom;

Jirrizulta fuq kollox id-dikjarazzjoni annotata fil-kuntratt tas-separazzjoni dwar l-istat ta' fatt appena riferit jigifieri dik mistqarra mill-konvenuta li tghid li "ilha ma jkollha

relazzjonijiet sesswali mar-ragel mis-17 ta' April 1996" (paragrafu 13 tieghu);

Il-fattezzi f'dan il-kaz jistghu jigu kazellati taht l-ipotesi prevvista mis-subinciz (b) ghall-imsemmi Artikolu 70, jigifieri dak li jistipula li fiz-zmien bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien mifrud *de facto* jew legalment minn martu;

Din il-formulazzjoni gdida tal-ligi, introdotta bl-Att XXI ta' l-1993, issostitwiet dik anterjuri fis-sens illi irrikonoxxiet l-istat '*de facto*' tal-firda bejn il-konjugi. Gie introdott pero` il-kuncett tan-"non-ko-abitazzjoni" gja bil-wisq familjari fil-ligi Taljana (Art. 235 tal-Codice Civile);

Din l-emenda ghal Kodici taghna gabet maghha r-riforma mistennija fis-sens illi issa saret sufficcjenti l-prova li tissodisfa lil gudikant li fil-fatt omm it-tarbija ma ghammretx jew ma nghaqdetx ma' zewgha anke jekk dan kien possibbli. Dan allontana l-posizzjoni inflessibbli taht ir-regim tal-Kodici qabel l-emendi li kif imfisser u stabbilit fil-gurisprudenza kienet tirrikjedi li fil-perjodu utili tal-koncepiment l-attur kien fl-impossibilita` li jghammar ma' martu minhabba distanza jew xi accident fiziku iehor;

Ghalhekk issa fejn l-azzjoni tad-diskonoxximent tkun bazata fuq in-nuqqa tal-ko-abitazzjoni, intiza bhala konvivenza bejn il-mezzewgin, dejjem s'intendi fil-perjodu fuq imfisser u dettat mis-subinciz (a) ghall-Artikolu 70, il-prova kuntrarja trid turi li dejjem fl-istess perjodu ta' zmien, kien hemm rapporti sesswali bejn il-konjugi deducibbli anke minn repristinar temporanju tal-konvivenza jew ta' inkontri okkazjonali. Dan hu hekk espress fl-istess proviso ghas-subinciz (b);

Minn ezami ta' certi decizjonijiet tal-Qorti ta' Kassazzjoni (14 ta' Jannar 1982 Nru. 232 23 ta' Janar 1984 Nru. 541) insibu li "*anche la mera possibilita` di un avvenuto rapporto intimo*" hu bizzejjed biex jelimina l-allegata "*non coabitazione*" u kwindi biex jostakola l-azzjoni fondata fuq din l-ipotesi;

Fil-kaz taht konsiderazzjoni din il-Qorti hi perswaza li bejn l-attur u martu din il-ko-abitazzjoni jew tghammir flimkien ma sehhetx wara li l-kontendenti nfirdu fl-1996. Dan il-konvinciment hu msahhah mhux daqstant mis-semplici dikjarazzjoni apportata fil-kuntratt tas-separazzjoni daqskemm mill-prova illi bhala stat ta' fatt il-konvenuta issoktat tghammar mar-ragel l-iehor, u li mir-relazzjoni mieghu sahansitra kellha t-tieni wild.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara li l-minuri iben Jerome mhux iben naturali ta' l-attur. Konsegwentement tilqa' t-Tieni Talba u tordna r-rettifikazzjoni mitluba mill-attur fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi minuri billi jithassar minnu kull referenza ghall-attur u l-konnotati l-ohra tieghu u dawn jigu sostitwiti bil-kliem "missier mhux maghruf".

L-ispejjez kollha tal-kawza huma a karigu tal-konvenuta Josephine Scicluna.

--------------------------------TMIEM--------------------------------